MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2377/2004

**Gordon Micallef (ID 371690M)**

**vs**

**Kevin Cassar (ID 43270M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Dicembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mitt lira Maltija (Lm500.00) rapprezentanti l-prezz ta' mutur mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut, li sal-lum ghadhom ma thallsux, l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru, u bl-imghax mis-26 ta' Gunju, 2004, sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-8 ta' Frar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma**

**deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500.00) bl-imghaxijiet legali mis-26 ta’ Gunju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------